MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 428/2009

**Techinvest Limited (C-26203)**
**vs**
**Lets Move Limited (C-38354)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta attrici ghal kundanna tas-socjeta’ konvenuta fis-somma ta’ hames mija, tlieta u erbghin ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€543.21) rapprezentanti servizzi illi s-socjeta’ konvenuta rceviet mis-socjeta’ Nextgen IT Ltd (C28424) ta’ *domain renewal u web hosting*, u servizzi ohra relatati, fuq talba tas-socjeta’ konvenuuta taht il-kont numru 112712 fil-kotba ta’ Nextgen IT Limited. Illi dan il-kreditu kien gie assenjat lis-socjeta’ attrici permezz ta’ ftehim anness mat-talba u mmarkat bhala DokA.

Illi dawn il-krediti huma konfermati minn prospett ta’ fatturi relativi mahruga lis-socjeta’ konvenuta u mibghuta lilha

diversi drabi (kopja tad-dokumenti annessi mat-talba u mmarkati, Dok B,C,D,u E.).

Illi s-socjeta' Nextgen IT Limited interpellat lis-socjeta' konvenuta diversi drabi sabiex thallas izda din baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez legali u interessi sa mid-data ta' kull fattura rispettiva.

Is-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u l-anqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mill-Avukat Geraldine Spiteri fil-15 ta' Jannar, 2010 u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------